MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 568/2009

**George Falzon (I.D. Numru 560057 (M)) u martu Rosaria Falzon (I.D. Numru 143458 (M))**

**vs**

**Raymond Buttigieg (I.D. Numru 443070 (M)) u Joseph Buttigieg (I.D. Numru 312173 (M)) u martu Lorenza sive Lorraine Buttigieg (I.D. Numru 234175 (M))**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-10 ta’ Gunju, 2009 li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament ippremettew is-segwenti:

1. Illi huma akkwistaw il-fond, inkluz garaxx, “*St. Joseph*”, St. Anthony Street, Haz-Zabbar, ghas-

somma ta' mitejn u sebat elef Ewro, (€207.000.00), permezz ta' subbasta;

2. Illi s-somma nvoluta giet depozitata kollha l-qorti flimkien ma' l-ispejjez kollha nvoluti;

3. Illi s-subbasta fuq riferita saret in segwitu ta' procedura legali fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Paul Buttigieg et vs Angelo Buttigieg et, Citazzjoni Numru 1177/2002, deciza fis-7 ta' Novembru, 2006, li pprovdiet ghall-bejgh b'licitazzjoni tal-istess fond fuq gia` ndikat;

4. Illi l-fond *de quo* hu okkupat mill-intimati fuq indikati b'mod abbuziv u minghajr titolu validu fil-ligi;

5. Illi r-rikorrenti jixtiequ jizgombraw lill-intimati mill-imsemmi fond u nonostante li nterpellati jaghmlu hekk baqghu inadempjenti;

6. Illi stante li jezistu l-elementi ghall-procedura sommarja kontemplati fl-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jitolbu li l-kaz jigi deciz b'din il-procedura;

7. Illi konsegwentement jitolbu lil din il-qorti biex:

i. Tiddikjara w tiddeciedi li l-intimati qieghdin jokkupaw, jiddetjenu abbuzivament u minghajr titolu fil-ligi l-fond fuq indikat;

ii. Tordna l-izgumbrament tal-intimati mill-imsemmi fond u dan, fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat;

iii. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-14 ta' Lulju, 2009, li permezz tieghu wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet akkordat ghoxrin (20) gurnata biex l-intimati jipprezentaw ir-risposta taghhom;

Rat ir-risposta tal-intimati datata l-24 ta’ Lulju, 2009, li permezz taghha sintetikament irrispondew is-segwenti:

1. Illi preliminarjament din il-qorti hi inkompetenti *ratione materie* stante li l-forum kompetenti hu l-Bord li Jirregola l-Kera stante li Raymond Buttigieg ghandu titolu ta’ kera validu skont il-ligi fuq il-garaxx in dizamina u ilu vigenti mill-1991;

2. Illi ghalhekk l-azzjoni tar-rikorrenti ghandha tigi rigettata bl-ispejjez;

3. Illi ma sar l-ebda disprezz mill-intimati Raymond Buttigieg lejn l-awtorita` tal-qorti stante li s-sentenza riferita mir-rikorrenti ma tohloqx stat fil-konfront tal-intimat Raymond Buttigieg;

4. Illi d-dikjarazzjoni ta’ Rosina Buttigieg ma taghmel l-ebda sens legali;

5. Illi t-talba ghall-izgumbrament hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li hi bla bazi legali;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-28 t’Ottubru, 2009, li permezz tieghu ordnat li l-konvenuti (l-intimati) jressqu l-provi taghhom dwar l-ewwel eccezzjoni minnhom sollevata fir-risposta guramentata, (ara fol 117);

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat l-24 ta’ Jannar, 2012, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li ma kellhomx aktar provi x’jipprezentaw rigwardanti l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u awtorizzat lill-partijiet jipprezentaw nota ta’ sottomissjonijiet fir-rigward, fit-termini hemm indikati, (ara fol 140);

Rat in-noti tal-partijiet rispettivament datati s-16 ta’ Marzu, u d-19 t’April, it-tnejn 2012, (ara rispettivament fol 149 *et sequitur* u 161 *et sequitur*);

Rat il-verbal datat it-8 ta’ Novembru, 2012, fejn l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet talbu li in vista tax-xhieda

mismugha a fol 172 kien jehtieg li jigu pprezentati sottomissjonijiet ulterjuri liema talba intlaqghet fit-termini hemm indikati, (ara fol 178);

Semghet it-trattazzjoni orali fir-rigward ta’ l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati;

Ikkunsidrat:

Illi din hi sentenza parzjali limitata ghall-epurazzjoni tal-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati senjatament dik rigwardanti l-forum idoneu ghas-smiegh tal-kawza in dizamina;

Illi l-intimati ntavolaw l-imsemmija eccezzjoni stante li qed jissollevaw id-difiza li ghandhom titolu ta’ kera validu fil-ligi fuq il-garaxx meritu *in parte* tal-kaz odjern;

Illi ghalhekk qed isostnu li l-procedura odjerna ghandha tigi minflok indirizzata quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex tigi epurata hemm;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jigi mill-ewwel indikat li l-procedura odjerna kif intavolata mir-rikorrenti hi semplicement wahda naxxenti minn subbasta, liema subbasta kienet giet ezegwita wara procedura *ad hoc* li kkonkludiet li l-fond meritu tal-procedura odjerna kellu jinbiegh b’licitazzjoni, kif fil-fatt sar;

Illi ghalhekk, il-kwistjoni tal-kera *o meno* sollevata mill-intimati hi ghal kollox estranea ghall-procedura odjerna u hi biss intiza biex tiddezorjenta u ttawwal il-procedura inutilment;

Illi kemm –il darba dak allegat mill-intimati hu minnu, spetta lilhom jagixxu fir-rigward u mhux jinterrompu l-procedura tal-licitazzjoni billi ma jivvakawx il-fond *de quo*;

Illi *di piu`*, issir referenza ghall-artikolu 357 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li jistabbilixxi li l-liberazzjoni tal-immobbli minnha nnifisha hu titolu ezekuttiv;

Illi ghalhekk tirrespingi l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati u tordna l-kontinwazzjoni tal-procedura fuq il-meritu, u dan, ghal data li tigi ffissata wara li tisma’ lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------